**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 653/2009 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**George Saliba**
**Saviour Camilleri**

**Illum 13 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

George Saliba, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 217686M u

Saviour Camilleri, detentur ta' karta ta' l-identita' nru. 55167M.

Talli fl-1 ta' Lulju, 2009 ghall-habta tas-7:00 p.m. fi Triq Pawlu Debono, Zebbug, Malta:

1. Ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' George Farrugia, skond kif iccertifika Dr. Agnes Cachia M.D., liema offizi gew maghmula b'arma irregolari;

2. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Philip Farrugia, skond kif iccertifika Dr. Agnes Cachia M.D., liema offizi gew maghmula b'arma irregolari;

3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli ghad-dannu ta' George Farrugia, liema hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) imma izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

4. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurjaw u/jew heddew lil George Farrugia, Carmen Farrugia u lil Philip Farrugia;

5. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kissru l-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

6. U billi Saviour Camilleri huwa recediv.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta' ta' George Farrugia, Carmen Farrugia u Philip Farrugia u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju u/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputati fis-seduta datata 8 ta' Lulju, 2009 quddiem il-Magistrat dak iz-zmien Dr. Edwina Grima.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe' estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' George Saliba mmarkata bhala Dok DZ1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' Saviour Camilleri mmarkata bhala Dok DZ2, fedina penali ta' Saviour Camilleri mmarkata bhala Dok DZ3, fedina penali ta' George Saliba mmarkata bhala Dok DZ4, process verbal immarkat bhala Dok OD, stqarrija ta' George Saliba datata 2 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok DZ1, stqarrija ta' George Saliba datata 7 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok DZ2, current incident report datata 1 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok DZ3, certifikat mediku rilaxxjat lil George Farrugia datat 01/07/2009 immarkat bhala Dok DZ4, certifikat mediku rilaxxjat lil George Saliba datat 01/07/2009

immarkat bhala Dok DZ5, certifikat mediku rilaxxjat lill-Salvu Camilleri datat 01/07/2009 immarkat bhala Dok DZ6, stqarrija ta' Saviour Camilleri datata 2 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok MB1, stqarrija ta' Saviour Camilleri datata 3 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok MB2, stqarrija ta' Saviour Camilleri datata 7 ta' Lulju, 2009 immarkata bhala Dok JM1, vehicle details immarkat bhala Dok SC, relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina mmarkat bhala Dok RA, relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar immarkat bhala Dok MC, dokument mill-isptar Mater Dei rilaxxjat lill-Salvu Camilleri, dokument mill-isptar Mater Dei rilaxxjat lill-George Saliba, current incident report datat 30 t'Ottubru, 2008 immarkat bhala Dok MC1, PIRS II report immarkat bhala Dok MC2, miscellaneous incident report immarkat bhala Dok MC3, current incident report datat 29 ta' Marzu, 2008 immarkat bhala Dok MC4, current incident report datat 28 ta' Gunju, 2008 immarkat bhala Dok MC5, sentenza datata 13 ta' Frar, 2015 fil-konfront ta' George Farrugia.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata 7 t'Ottubru, 2010[1] fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

Fil-konfront taz-zewg imputati:

(1) Fl-Artikoli 214, 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Fl-Artikoli 214, 215 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Fl-Artikoli 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Fl-Artikoli 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(6) Fl-Artikoli 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Saviour Camilleri wahdu:

(a) Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol 231 tal-process

Rat li waqt l-udjenza tat-18 t'Ottubru, 2010[2], iz-zewg imputati, George Saliba u Saviour Camilleri, ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bil-procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Mary Camilleri, Grace Saliba, George Farrugia, Raymond Caruana, Dr. Mario Scerri, Spettur Daniel Zammit, Spettur Malcolm Bondin, Spettur Joseph Mercieca, PS 1133 Joseph C. Borg, PS 18 Fabian Aquilina, Doreen Saliba, Michael Saliba, George Saliba, Philip Farrugia, Carmen Farrugia, Philip Saliba, George Pace.

Ix-xhud Mary Camilleri tigi l-mara ta' Saviour Camilleri filwaqt li tigi l-prim kugina ta' George Saliba u peress li ghandha proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha ghazlet li ma tixhidx.

Ix-xhud Grace Saliba tigi omm George Saliba filwaqt li Saviour Camilleri jigi n-neputi taghha u peress li ghandha proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha ghazlet li ma tixhidx.

Ix-xhud George Farrugia ma jigi xejn mill-imputat izda peress li ghandu proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ghazel li ma jixhidx.

Raymond Caruana jghid li dak inhar tal-incident kien mar id-dar ta' missieru gewwa Haz-Zebbug u ghal habta tas-sebgha u kwart ta' fil-ghaxija, ir-ragel ta' ohtu George Pace habbat il-bieb tad-dar u qal lil Raymond Caruana sabiex icempel ghall-ambulanza. X'hin ittawwal barra biex jara x'gara, ra lil George Farrugia b'flokk bid-dmija mdawwar ma rasu kif ukoll kellu sidru kopert bid-demm. Mal-art kien hemm it-tifel ta' George Farrugia, Philip Farrugia li wkoll kellu demm fuq persuntu. Waqt li kien hemm barra, innota li certu Mikiel Saliba jghajjat u joffendi lil George Farrugia filwaqt li kellu zappun f'idejh u ghalhekk Raymond Caruana mar jipprova jikkalmah u qal lill-imputat Saviour Camilleri biex jiehu z-zappun minn idejn Mikiel Saliba. Kien f'dan il-mument li Saviour Camilleri wera sikkina lil Raymond Caruana u nfurmah li George Farrugia kien se jattakkah biha. Rigward ghalfejn saret il-glieda, Raymond Caruana jghid li kien fuq xi

[2] Fol 232 tal-process

garaxx izda glied per se ma rax. Izid jghid li sakemm kien barra osserva li kien hemm anke l-mara ta' Saviour Camilleri u missierha apparti George Farrugia, Philip Farrugia, Mikiel Saliba u Saviour Camilleri. Inoltre, apparti li ra s-sikkina u z-zappun, George Farrugia urieh kanna u bicca hadida li dehru mehudin minn xi siggu u qal lil Raymond Caruana li gew ituh b'dawn l-oggetti.

Dr. Mario Scerri jghid li kien mahtur bhala espert fl-inkjesta magisterjali fejn il-Magistrat Inkwirenti Dr. Lawrence Quintano kien hatru sabiex jezamina lill-George Saliba, Philip Farrugia u George Farrugia. Fil-konkluzjoni tieghu fir-rapport[3] tieghu, Dr. Scerri jghid li George Saliba kellu ferita gravi billi kienet tinvolvi penetrazzjoni tal-kavitacitoracika tieghu u dehret li kienet maghmula bi strument li jaqta' u bil-ponta. George Farrugia sofra griehi ta' natura gravi perdurata konsistenti fi frattura tar-rukkell tal-ghonq u fratturi ohra. Philip Farrugia sofra minn griehi ta' natura hafifa.

L-Ispettur Daniel Zammit jghid li kien infurmat li kien glieda gewwa Haz-Zebbug u li fil-glieda kienu ntuzaw xi armi fosthom sikkina u kanna tal-hadid. Ghalhekk hu flimkien mal-pulizija tieghu nizlu fuq il-post biex jinvestigaw. Jghid li l-glieda kienet bejn, minn naha George Farrugia, martu Carmen Farrugia u binhom Philip Farrugia u minn naha l-ohra Saviour Camilleri, martu Mary Camilleri, George Saliba, ommu Grace Saliba, ohtu Doreen Saliba, missieru Michael Saliba, iz-ziju tieghu Philip Saliba u iehor George Saliba. Izid jghid li l-argument beda' bejn Grace Saliba u Doreen Saliba ma George Farrugia umbghad dahlu George Saliba u Saviour Camilleri. Gie nfurmat li George Farrugia, Philip Farrugia u George Saliba ttiehdu l-isptar izda iktar tard ntbghatu wkoll Saviour Camilleri u George Saliba l-iehor. Fit-2 ta' Lulju, 2009 l-Ispettur Daniel Zammit mar l-isptar Mater Dei fejn ha stqarrija ta' George Saliba fejn dan qal li dak inhar tal-incident sema' lil George Farrugia joffendi lill-ommu u ohtu Doreen u kif sema' hekk hareg fejn George Farrugia dar joffendih b'nantu li kienet ghada kif mietet ftit taz-zmien ilu. George Saliba offenda lil George Farrugia lura u kien hawnhekk li George Farrugia hareg sikkina mill-but ta' wara tal-qalziet tieghu u ta daqqa ta' sikkina lil George Saliba fuq sidru n-naha tal-lemin. Malli qala' d-daqqa ta' sikkina ra hadida fir-roundabout, mar jigborha u ta daqqa lil George Farrugia go rasu biha. George Saliba nforma lill-Ispettur Daniel Zammit li apparti George Farrugia, kien hemm anke t-tifel tieghu Philip Farrugia

[3] Ir-rapport jinsab esebit a fol 53 tal-process u mmarkat bhala Dok MS

li waddab gebla tas-sejjieh lill-George Saliba izda ma laqtux. Jghid li kien hemm anke omm Philip, Carmen Farrugia tiggieled ma ommha bl-idejn u kien hemm Saviour Camilleri wkoll. Jispjega li f'xi hin George Farrugia hebb anke ghal Saviour Camilleri. Dejjem skont il-verzjoni ta' George Saliba, George Farrugia heddidhom li joqtolhom bis-sikkina izda f'xi hin din is-sikkina spiccat f'idejn Saviour Camilleri. L-Ispettur Daniel Zammit jghid li mill-verzjonijiet li ha, George Saliba jghid li huwa ta daqqa ta' kanna tal-hadid lil George Farrugia wara li qala l-ewwel daqqa hu, izda George Farrugia jghid li hu ta daqqa ta' sikkina lil George Saliba wara li qala l-ewwel daqqa hu.

L-Ispettur Malcolm Bondin jghid li kien infurmat minn PS 1133 li kien sehh xi argument bejn il-girien f'Haz-Zebbug izda meta nizel fuq il-post, in-nies involuti kienu diga' ttiehdu l-isptar permezz ta' l-ambulanza hlief ghal Saviour Camilleri li ftit tal-hin wara ttiehed gewwa s-CID ghal aktar investigazzjoni. Izid jghid li fl-istqarrija tieghu Saviour Camilleri jghid li kien il-garaxx tieghu u meta sema xi storbju gej minn barra, hareg u sab lil Doreen Saliba tiggieled ma George Saliba. Fl-ebda hin ma ra lil George Saliba isawwat lil George Farrugia u anzi jghid li kien George Farrugia li sawwat lil George Saliba b'sikkina. Meta l-Ispettur Malcolm Bondin kellem lill-allegat vittma George Farrugia, dan qal li l-griehi li sofra kienu gew kagunati minn Salvu Camilleri u George Saliba li sawtuh b'kanna.

L-Ispettur Joseph Mercieca jikkonferma li kien hu li ha l-istatement ta' Saviour Camilleri datat 2 ta' Lulju, 2009 fil-prezenza ta' l-Ispettur Malcolm Bondin fejn Saviour Camilleri baqa' jinnega li sawwat lil George Farrugia u lil Philip Farrugia. Izid jghid li ha statement ohra fit-3 ta' Lulju, 2009 ta' Saviour Camilleri fejn ikkonferma l-ewwel statement. Fis-7 ta' Lulju, 2009 l-Ispettur Mercieca rega' ha statement ohra lill-Saviour Camilleri fejn rega' kkonferma l-ewwel zewg statements. Fis-7 ta' Lulju, 2009 l-Ispettur Mercieca ha statement lill-George Saliba fejn ammetta li ta daqqa ta' kanna lil George Farrugia waqt li kien qed jigi mizmum minn Saviour Camilleri.

PS 1133 Joseph Borg jghid li hu flimkien ma xi pulizija ohra marru fuq il-post tal-incident stante li kienu dahlu xi rapporti dwar xi glied bejn il-girien fejn hemmhekk il-Pulizija sabu diversi nies fosthom Saviour Camilleri. George Saliba kien diga' ttiehed l-isptar minhabba xi griehi li kien sofra. PS 1133 jghid li Saviour Camilleri kien ghaddielu

sikkina li kienet maqsuma minn bejn il-manku u x-xafra taghha liema sikkina allegatament intuzat minn George Farrugia sabiex jikkawza l-griehi fuq George Saliba. George Farrugia gie mitkellem fuq il-post fejn anke dan ghadda xi oggetti li allega li gie aggredit bihom, liema oggetti kienu kanna tal-hadid u qafas ta' pushchair. Saviour Camilleri nforma lill-PS 1133 li l-kanna kien hareg biha Philip Farrugia li jigi t-tifel ta' George Farrugia. PS 1133 osserva li kien hemm zewg vetturi li kellhom xi hsarat.

PS 180 Fabian Aquilina jikkonferma li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata minn Saviour Camilleri kif ukoll kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata minn George Saliba. Ikkonferma wkoll li qabel ma ttiehdu l-istqarrijiet, l-imputati inghataw is-solita twissija.

Ix-xhud Doreen Saliba tigi oht George Saliba filwaqt li tigi l-kugina ta' Saviour Camilleri u peress li ghandha proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha ghazlet li ma tixhidx.

Ix-xhud Michael Saliba jigi missier George Saliba u peress li ghandu proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ghazel li ma jixhidx.

Ix-xhud George Saliba jigi haten Saviour Camilleri u kugin ta' George Saliba u peress li ghandu proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ghazel li ma jixhidx.

Ix-xhud Philip Farrugia m'ghandu l-ebda parentela ma l-ebda mill-imputati izda peress li ghandu proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu ghazel li ma jixhidx.

Ix-xhud Carmen Farrugia m'ghandha l-ebda parentela ma l-ebda mill-imputati izda peress li ghandha proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha ghazlet li ma tixhidx.

Philip Saliba huwa z-ziju ta' George Saliba u Saviour Camilleri huwa r-ragel ta' bintu. Wara li lesta xi xoghol ghal ibnu George Saliba li m'huwiex l-imputat, u kien qed idahhal l-ghodda fil-vann ra lil Philip Farrugia ixejjer kanna quddiem il-bieb ta' missieru George Farrugia kif ukoll ra lil George Farrugia bid-dmija ma sidru. Iben Philip Saliba, u cioe' George Saliba resaq lejn missieru u George Saliba widdeb lill-Philip Farrugia sabiex jitlaq il-kanna minn idejh izda minflok rega' xejjer daqqa bil-kanna u laqat lil George

Saliba f'dirghajh. Kien hawnhekk li George Saliba, iben Philip Saliba qabad pushchair biex jipprova jiskansa d-daqqiet ta' Philip Farrugia. Philip Farrugia sahansitra hedded lill-familja ta' Philip Saliba li kien se joqtolhom kollha b'sikkina.

George Pace, pensjonant li jghix fit-triq fejn sar l-incident jghid li glied ma rax izda kif hareg jara x'kienet il-kommossjoni, osserva lill-Philip Farrugia mixhut fuq it-tarag tal-parapett tieghu bid-dmija fuq persuntu u osserva lil George Farrugia b'xi flokk jew xugaman imdawwar ma rasu bid-dmija fuq persuntu wkoll. Barra fit-triq osserva li kien hemm Saviour Camilleri izda lill-George Saliba ma rahx. Izid jghid li magenb il-karozza ta' George Farrugia, mal-art, osserva hadida u hadid ta' carrier.

Carmen Farrugia[4] tghid li hija tghix fl-istess triq fejn hemm il-garaxx ta' Saviour Camilleri fejn huwa jahdem hemm bhala mekanik u ilu miftuh ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Dak inhar tal-incident, Carmen Farrugia tat ic-cwievet tal-garaxx taghha lir-ragel taghha George Farrugia sabiex idahhal il-vettura taghhom u semghet xi ghajjat gej minn barra. Meta Carmen Farrugia harget tittawwal, rat lil George Saliba li resaq vicin hafna l-proprjeta' taghha u r-ragel taghha u hawnhekk George Saliba qabad qasrija mid-dar ta' Saviour Camilleri u waddabha fid-direzzjoni ta' Carmen Farrugia u r-ragel taghha izda ma laqat xejn stante li kien hemm xi sitt metri bejniethom. Fil-pront rat lil Gracie Saliba, omma George Saliba gejja tigri b'hadida ta' madwar hames piedi, u kien hawn li Carmen Farrugia dahlet gewwa d-dar biex tfittex il-mobile u ccempel ghall-ghajnuna izda bil-fixla ma setghetx issib il-mobile u regghet harget barra. Kif harget barra, rat lir-ragel taghha f'nofs tat-triq u George Saliba b'hadida f'idu u Saviour Camilleri, li ma osservatlu xejn f'idu, isawtu lir-ragel taghha George Farrugia. Hija ppruvat taqla' lil Saviour Camilleri minn fuq ir-ragel taghha izda ma rnexxiliex u ghalhekk marret iggib ic-cwievet tal-karozza u marret l-Ghassa Haz-Zebbug ghall-ghajnuna, liema ghassa kienet maghluqa u ghalhekk regghet marret lura d-dar. Kif waslet fejn id-dar taghha, rat lir-ragel taghha George Farrugia fil-bieb tad-dar izomm rasu u kellu hafna dmija fuq il-persuna tieghu waqt li kien ghadu qed jigi msawwat minn George Saliba, Saviour Camilleri u minn George Saliba persuna ohra. Lil dan ta' l-ahhar, George Saliba ratu jgholli hadida ta' pushchair, izda jekk waddabhiex lir-ragel taghha jew le ma tafx stante li kienet qed tipprova tipparkja l-karozza f'genb. Izzid tghid li sakemm tefghet f'genb,

[4] Xhieda datata 18 ta' Frar, 2010, fol 178 tal-process

lahqu gew il-pulizija tal-RIU u kkontrollaw is-sitwazzjoni. Rigward hsarat, hija tghid li l-vettura taghhom kellha hsarat fid-dashboard. Izzid tghid ukoll li matul l-incident kollu, it-tifel taghha hareg barra jipprova jghin lil missieru.

Carmen Farrugia regghet xehdet fit-28 ta' Novembru, 2012[5] u kkonfermat l-ewwel xhieda taghha fejn qalet li kienet id-dar u semghet xi storbju u theddid, harget u rat lil-George Saliba u ommu gejjin jigru b'hadida lejn id-dar taghha u r-ragel taghha George Farrugia. Iddeskriviet il-hadida bhala zokk tas-sigra tal-Christmas tree, twila xi zewg metri. Hija nnutat li George Saliba kellu xi gebel f'idejh liema gebel seta' gabarhom mir-roundabout li hemm fil-vicinanzi. Carmen Farrugia tikkonferma li qabel ma marret l-ghassa bil-karozza taghha u tar-ragel taghha, rat lil George Saliba u Saviour Camilleri b'hadida f'idejhom isawtu lir-ragel taghha. Fl-ebda hin ma rat skieken.

Ix-xhud Mary Camilleri tigi l-mara ta' l-imputat Saviour Camilleri u hija l-prim kugina ta' George Saliba u stante dawn il-konnessjonijiet, ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' Saviour Camilleri u George Saliba.

Ix-xhud Doreen Saliba tigi oht l-imputat George Saliba u l-imputat Saviour Camilleri jigi r-ragel tal-kugina taghha u stante dawn il-konnessjonijiet, u stante li hemm proceduri kontra taghha, ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' Saviour Camilleri u George Saliba.

Ix-xhud Grace Saliba tigi omm l-imputat George Saliba u l-imputat Saviour huwa mizzewweg in-neputija taghha u stante dawn il-konnessjonijiet, u stante li hemm proceduri kontra taghha, ghazlet li ma tixhidx fil-konfront ta' Saviour Camilleri u George Saliba.

Il-Perit Richard Aquilina jikkonferma li huwa kien mahtur bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali fejn l-inkarigu tieghu kien li jghamel pjanta tal-post fejn gara l-incident, jimmarka fejn kien hemm id-dmija mal-art u josserva xi hsarat kien hemm.[6]

---

5 Fol 274 tal-process

6 Rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol 220 tal-process

Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta jikkonferma li l-vettura JAE 635 tal-ghamla Peugeot 306 ta' lewn ahmar hija registrata fuq George Farrugia, ID 798652M u ilha hekk registrata mill-1996, filwaqt li l-vettura DBR 702 tal-ghamla Peugeot 206 ta' lewn abjad hija registrata fuq Jason Aquilina, ID 170972M ghan-nom ta' London Services Ltd.

Dr. Philip F. Dingli kien ezamina lill-imputat George Saliba fl-1 ta' Lulju, 2009 fejn ikkonstata illi l-imputat sofra minn feriti superficjali u kklassifika dawn il-griehi bhala hfief.[7]

Paul Sciberras, rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance Ltd ikkonferma li l-vettura JAE 635 tal-ghamla Peugeot 306 tghajjat lil George Farrugia, ID 798652M. Izid jghid li kien sar survey fuq din il-vettura fejn irrizulta li l-ammont tal-hsara kien ta' €214 pero' fil-21 ta' Ottubru, 2009 George Farrugia kien ghamel talba sabiex Gasan Mamo Insurance twaqqaf il-proceduri ghal rizarciment ta' danni.

PS 46 Charlot Casha jikkonferma li hu flimkien ma PC 826 Matthew Parnis kienu nhatru bhala Scene of Crime Officer fl-Inkjesta Magisterjali quddiem il-Magistrat illum Imhallef Lawrence Quintano.

Dr. Marisa Cassar tikkonferma li hi kienet inhatret sabiex taghmel ezamijiet tad-DNA fl-Inkjesta Magisterjali quddiem il-Magistrat illum Imhallef Lawrence Quintano[8] fejn mill-oggetti elevati u mill-kampjuni li ttiehdu, irrizulta li hargu l-profili genetici ta' George Farrugia u George Saliba.

Saviour Camilleri jikkonferma li ilu joqghod fl-istess triq ta' George Farrugia fuq hamsa u ghoxrin sena. Jghid li l-problemi bejniethom bdew meta George Farrugia kien ittantalu l-mara izda sar jaf b'dan wara li kienu diga' nbdew il-proceduri kriminali kontrih. Izid jghid li hu ghandu garaxx taht id-dar u jahdem hemmhekk bhala mekanik u hemm plot bejn id-dar tieghu u d-dar ta' George Farrugia. Saviour Camilleri spjega li peress li ghandu sieq artificjali, il-maggoranza tax-xoghol li jaghmel ikun bil-qieghda.

[7] Affidavit a fol 207 tal-process
[8] Rapport ta' Dr. Marisa Cassar a fol 240 tal-process

Inoltre, minhabba l-kundizzjoni ta' siequ, ikollu bzonn izomm il-bilanc u konsegwentement ma jkunx jista' jixxuttja ballun, jitla' sellum jew jimxi fuq ir-ramel. Huwa jghid li dak inhar tal-incident kien quddiem il-bieb tal-garaxx jistenna lil siehbu jigi ghalih biex imorru jisparaw il-plattini meta sema' lill-oht George Saliba targumenta ma George Farrugia. Izid jghid li apparti George Farrugia, kien hemm ibnu Philip u martu Carmen jghajtu ma Doreen Saliba. Kien hawnhekk li hareg George Saliba li jigi hu Doreen Saliba u l-argument skala permezz ta' kliem oxxen u theddid. Saviour Camilleri ra lil George Farrugia jaqla' idu l-leminija minn wara dahru u jigri lejn George Saliba b'sikkina f'idu u ta daqqa lil George Saliba. Hawnhekk Saviour Camilleri gibed lil George Saliba minn spallejh u ntlaqat ftit hu wkoll u tilef il-bilanc u waqa' mal-art u beda jaqla' daqqiet ta' pajp go dahru.

George Saliba jikkonferma li joqghod fl-istess triq ta' Saviour Camilleri u George Farrugia u dak inhar tal-incident kien id-dar qed jiekol meta sema xi ghajjat gej minn barra liema ilhna gharaf li kienu ta' George Farrugia, omm u oht George Saliba. Izid jghid li George Farrugia kien qed juza kliem oxxen fil-konfront ta' ommu u ohtu. George Saliba jghid li beda miexi lejn Saviour Camilleri minhabba li hareg it-tifel ta' George Farrugia, Philip Farrugia li kellu gebla f'idejh, liema gebla waddabha lil George Saliba. George Saliba qabad qasrija u waddaba lil George Saliba u giet fil-karozza ta' Carmen Farrugia. Oht George Saliba nnutat li George Farrugia kellu sikkina fil-but u bdiet tghajjat izda George Saliba ma semahiex u qala' daqqa ta' sikkina fuq in-naha tal-lemin tieghu fil-pulmum. Dak il-hin, George Saliba kien vicin roundabout u ra kanna, qabadha u ddefenda lilu nnifsu billi ta daqqa lil George Farrugia go rasu. Saviour Camilleri hataf lil George Farrugia minn wara u t-tnejn li huma waqghu mal-art. Philip Farrugia mar biex ikompli jsawwat lil George Saliba izda George Saliba ma felahx jirritalja. Izid jghid li ohtu u l-ex gharusa tieghu ma stennewx ambulanza u wassluh l-isptar. Minhabba l-incident, George Saliba dam iktar minn tletin gurnata biex rega' mar ghax-xoghol fil-gebel.

L-Ispettur Jesmond Borg jikkonferma li bejn 2004 u 2007 kien stazzjonat l-Ghassa Haz-Zebbug u jghid li kienu jsiru diversi rapporti minn George Farrugia fil-konfront ta' Saviour Camilleri li kien jahdem ta' mechanic u kien jahdem fit-triq bil-garaxx miftuh, izda kull darba li l-Pulizija kienet tinzel biex tivverifika dawn ir-rapporti, kienu jsibu l-

garaxx maghluq u Saviour Camilleri ma kienx ikun hemm.  Izid jghid li sahansitra kien hemm drabi li kif kien jidhol ir-rapport minn George Farrugia, kien jaqbad karozza tal-Pulizija u jinzel dak il-hin stess jivverifika, stante li George Farrugia kien anke allega li l-Pulizija kienet qed tiftiehem ma Saviour Camilleri.  Jikkonferma li rapporti minn George Farrugia dejjem saru fil-konfront ta' Saviour Camilleri u qatt ma kien hemm rapport fil-konfront ta' George Saliba.

L-Ispettur Gabriel Micallef jikkonferma li ghamel zmien stazzjonat l-Ghassa ta' Haz-Zebbug u jikkonferma li jaf lill-imputat Saviour Camilleri biss.  Jikkonferma wkoll li jaf lil Saviour Camilleri minhabba li certu George Farrugia li kien isibu bhala 'r-referee' kien jaghmel diversi rapporti fil-konfront tieghu.  George Farrugia kien jirraporta lil Saviour Camilleri li kien jahdem bhala mekkanik fit-triq u fil-garaxx.  Kull darba li l-Ispettur Gabriel Micallef mar jaghmel spezzjoni, liema spezzjonijiet kienu ta' frekwenza qawwija, qatt ma kien isib lil Saviour Camilleri jahdem fit-triq jew fil-garaxx.

Mary Camilleri tghid li George Farrugia kien jittantaha billi jehmiza jew joqghod ihares lejha.  Hija tikkonferma li r-ragel taghha Saviour Camilleri ghandu rigel nieqes u kien ghalhekk li kienet applikat mal-MEPA sabiex iggiblu permess ta' trade li jbiegh parts u jsewwi muturi fil-garaxx taht ir-residenza taghhom.  Tikkonferma wkoll li saru diversi rapporti fil-konfront tar-ragel taghha li kien qed jahdem minghajr permess izda kull darba li gew il-Pulizija kollox sabu regolari.  Mary Camilleri tghid li fl-2008 sakemm kienet qed tahsel barra, George Farrugia waqaf joffendiha u kien hemm ragel faccata li wissiha li kellu sikkina b'manku iswed wara dahru u ghalhekk marret taghmel rapport l-Ghassa minhabba li bezghet.  Hija tghid li ma assistitx ghall-incident izda Saviour Camilleri qallha li kellu xi daqqiet hfief fuq ghonqu bis-sikkina u kellu rukkell miksur. Mary Camilleri saret taf ukoll li matul l-incident, il-mara ta' George Farrugia, Carmen marret l-ghassa ta' Haz-Zebbug u kif giet lura saqet ghal fuq hu Mary Camilleri.  Fil-fatt hi tghid li rat lil Carmen Farrugia issuq ghal fuq huha u dan inqaleb fuq il-bieb tal-karozza u kissirilha.  Izzid tghid li Saviour Camilleri uriha sikkina maqsuma mimlija demm.  Tikkonferma li dak inhar tal-incident meta George Farrugia tela' fl-ambulanza u fil-prezenza tal-Ispetturi Malcolm Bondin, Daniel Zammit u Joseph Mercieca qal li ried joqtol il-familja ta' Camilleri wiehed wiehed.  Hija tghid li George Saliba huwa l-kugin

taghha u x'hin nizlet wara li sar l-incident, ratu mimli demm u qalilha li tawh daqqa ta' sikkina.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz huwa kaz li jmur lura ghall-ewwel (1) ta' Lulju elfejn u disgha (2009) u cioe' l'fuq minn disa' (9) snin ilu, il-Qorti ma tistax tinjora dan il-fatt li l-kaz dam snin twal ma jinstema' u jigi deciz, u ma tistax tinjora l-fatt li l-partijiet kienu girien, llum m'ghadhomx.

F'dan il-kaz si tratta ta' akkuza ta' ferita gravi fil-konfront ta' George Farrugia, feriti hfief fil-konfront ta' Philip Farrugia u hsara volontarja ghad-dannu ta' George Farrugia, apparti r-raba' (4) u l-hames (5) akkuza li huma ta' natura kontravvenzjonali.

Illi kif qalet ben tajjeb id-difiza ta' l-imputati, it-tielet (3) akkuza ma tistax tigi kunsidrata bhala pruvata f'dan il-kaz u dan peress li tul il-kawza, il-*parte civile* u cioe' George Farrugia u Philip Farrugia ma xehdux, u allura din l-akkuza tinsab nieqsa minn kull prova ta' danni u valur li kellhom jigu kkonfermati bil-gurament.

Illi rigward l-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuza, il-Qorti trid li jkollha stampa cara ta' kif graw l-affarijiet b'dan li f'mohh il-Qorti ma jkun hemm l-ebda dubju dettat mir-raguni biex il-Qorti ssib htija fil-konfront ta' l-imputati.

Issa, f'dan il-kaz il-*parte civile* ma xehdux, ghalhekk il-verzjoni taghhom din il-Qorti hija nieqsa minnha. Fil-kaz tal-griehi li gew sofferti mill-*parte civile* ghandna certament il-gurament u l-konferma tan-natura tal-griehi mit-Tabib Mario Scerri li pprezenta r-relazzjoni tieghu li finsab a fol 53 *et seq* tal-process.

Illi x-xhieda ta' Raymond Caruana ma tirrakkontax kif gara l-incident izda jghid li ma rax l-incident, pero' jghid li gie xi ragel, cempel il-bieb, fetahlu u cempel ghall-ambulanza. Meta hareg barra ra lil Salvu Camilleri u jghid li hemmhekk hu ghajjat lill-imputat Salvu Camilleri li kien ha z-zappun minn idejn Michael Saliba, jghid ukoll u jikkonferma iktar tard fl-istess proceduri li l-imputat Saviour Camilleri kien ghaddielu s-sikkina li

allegatament intuzat biex gew ikkagunati l-feriti fuq l-imputat Saliba. Jghid li s-sikkina kienet maqsuma minn bejn il-manku u x-xafra taghha. Hu osserva li George Farrugia kien kopert bid-demm.

Jixhed ukoll Philip Saliba li jikkonferma li hu ra lil Philip Farrugia jxejjer kanna fid-direzzjoni ta' George Saliba u laqtu f'dirghajh, jghid ukoll li t-tifel tieghu, George Saliba, l-imputat qabad pushchair biex jiskansa d-daqqiet.

Xhud li rat l-incident kif gara, hija Carmen Farrugia li tigi l-mara tal-parte civile George Farrugia. Il-Qorti qrat ix-xhieda taghha a fol 175 u fol 274 tal-process, certament li x-xhud ma tistax tghid kif graw il-griehi fuq il-*parte civile,* hi tghid *"Mistoqsija x'rajt l-imputat jaghmel nirrispondi kien gharkubtejh fuqu u jaghtih pero' ma nafx jekk l-imputat Camilleri kellux hadida f'idu jigifieri ma nafx jekk kienx qieghed itih bil-ponn jw inkella b'xi oggett, waqt li l-imputat Saliba kien bil-wieqfa u kellu hadida f'idejh u beda jaghti biha fuq ras ir-ragel tieghi."* Tghid li dahlet id-dar, ippruvat iccempel l-ghassa u ma setghetx taqbad, imbaghad marret l-ghassa bil-mixi. Il-Qorti hawnhekk ukoll taqbel mad-difiza li ladarba dahlet id-dar u telqet bil-mixi l-ghassa effettivament ma tistax taghti rakkont verosimili ta' kif gara l-incident. Hi tghid li mill-armi involuti ma kienx hemm involuta sikkina meta fir-realta', is-Surgent jghid li effettivament ra sikkina *on site* li allura intuzat fil-glieda.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' Dr. Mario Scerri li xehed dwar il-griehi li sofrew l-imputati kif ukoll George Farrugia u Philip Farrugia. Madanakollu kif qalet l-abbli difiza, il-Qorti taqbel li l-griehi wahidhom m'humiex bizzejjed, ghaliex il-Qorti m'ghandiex idea cara f'liema kuntest graw dawn il-griehi, u ghalhekk jirrizultaw il-griehi u ma jirrizultawx kif graw.

Il-Qorti rat ix-xhieda wkoll ta' l-imputat Saviour Camilleri li jirrizulta li ghandu sieq् amputate, allura l-Qorti tifhem li ghandu restrizzjonijiet fizici, anke dwar l-involviment tieghu f'din l-allegata taqbida, bejn l-imputati u l-*parte civile.* Huwa jghid li ra lil George Farrugia jaghti daqqa ta' sikkina f'dahar George Saliba. L-imputat l-iehor George Saliba jikkonferma din il-verzjoni u fil-fatt il-griehi li garrbu l-imputati jikkombacaw mar-rizultanzi medici li xehed dwarhom l-espert forensiku Dr. Mario Scerri.

Il-mara ta' l-imputat Saviour Camilleri tghid li l-battibekki kienu ilhom ghaddejin kif jikkonfermaw ukoll l-ispetturi ta' l-Ghassa ta' Haz-Zebbug li kien ikun hemm hafna rapporti bejn il-partijiet u li bejn George Farrugia u Saviour Camilleri kien hemm il-problemi.

Hawnhekk il-Qorti f'dan il-kaz in vista tan-nuqqas ta' xhieda tal-*parte civile* li naqsu li jixhdu l-Qorti, zgur m'ghandiex f'idejha provi bizzejjed sal-grad ta' bla dubju dettat mir-raguni li l-imputati huma hatja ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza. L-istampa li ghandha quddiemha l-Qorti hi, li kien hemm battibekk bejn il-partijiet li minnu wegghu l-imputati u l-*parte civile* pero' m'ghandhiex stampa cara ta' min beda bl-incident u kif gara ezattament l-incident. L-unika stampa cara li ghandha quddiemha l-Qorti hija dwar il-griehi li sofrew l-imputati ghaliex dawn gew ikkonfermati mit-Tabib Mario Scerri, li effettivament graw kif jirrakkuntaw huma, pero' c-cirkostanzi kollha tal-kaz il-Qorti tinsab priva minnhom.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 218, 221, 325(1)(b), 339(1)(e), 338(dd), 31, 412C, 533, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuza u ghaldaqstant tilliberhom minnhom, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt (6) akkuza.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**